# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar, 2002

**Numru 44**
**Avviz numru 379/01DM**

**Michele Peresso Limited**
**vs**
**Happy Saver Chain Stores Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' hames mija u sbatax-il lira maltin u wiehed u tmenin centezmi (Lm517.81c) rapprezentanti prezz ta' merci lilhom mibjugha u debitament ikkonsenjati mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti assistiti minn Dr. George Cutajar kienu ammettew is-sorte fis-seduta tat-12 t'Ottubru 2001 u ghalkemm ikkontestaw l-ispejjez naqsu li jidhru biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni li saru lilhom dwar l-ispejjez tal-kawza.

Ghaldaqstant it-talba tal-atturi tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant fuq ammissjoni qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' hames mija u sbatax-il lira maltin u wiehed u tmenin centezmi (Lm517.81c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mis-27 t'April, 2001 u billi l-konvenuti naqsu li jidhru biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni, it-talba attrici dwar l-ispejjez tirrizulta wkoll gustifikata;

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ispejjez tal-kawza.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va